**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 314/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Samuel Leone Ciantar**
**(ID 165987(M))**

**Illum, 27 ta' April 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Samuel Leone Ciantar** ta' 22 sena, iben Richard u Margaret nee` Romano, imwieled il-Pieta` fis-27 ta' Marzu 1987 u residenti 'Red Rose', Triq il-Makna tas-Serrar, Msida, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 165987(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-31 ta' Diċembru 2009 u fis-sena ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta

ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xorta oħra awtorizżat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu.

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet ippreżentata mill-Prosekuzzjoni fir-Reġistru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Settembru 2011;

Rat ukoll illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tal-1 ta' Frar 2013;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat ir-rikors tal-imputat tal-25 ta' Marzu 2013, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex tagħmel referenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) ai termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan dwar jekk ġiex leż id-dritt tal-imputat għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-Artikoli 6(1) u 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropea meta l-istess imputat tkellem mal-Pulizija Eżekuttiva u rrilaxxja stqarrija mingħajr l-assistenza ta' avukat;[2]

Rat ukoll ir-risposta tal-Prosekuzzjoni għall-istess rikors, intavolata fl-istess jum tal-25 ta' Marzu 2013;[3]

---

[1] Ara a fol. 6 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 20 *et seq* tal-proċess.
[3] Ara a fol. 22 *et seq* tal-proċess.

Rat in oltre id-digriet tagħha tal-15 ta' Novembru 2013, li permezz tiegħu ċaħdet it-talba tal-imputat u ordnat il-prosegwiment tal-kawża;[4]

Rat ukoll illi fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2015, id-difiża talbet sabiex ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tikkonverti f'Qorti dwar id-Droga[5] u semgħet il-provi in konnessjoni mal-istess;

Rat in-nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga tal-25 ta' Mejju 2016, li permezz tagħha l-Bord iddikjara illi ma kellu l-ebda oġġezzjoni li din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537;[6]

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Jannar 2017, li permezz tiegħu laqgħet it-talba tad-difiża u assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta;[7]

Rat in-noti ta' Joanne Buhagiar Fiott, koordinattriċi tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga tat-23 ta' Marzu 2017[8], tat-30 ta' Mejju 2017[9] u tal-24 ta' Awwissu 2017[10], kif ukoll ir-rapporti tal-Aġenzija Caritas annessi mal-istess noti u n-nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga tal-11 ta' Jannar 2018[11], inkluż ir-rapport finali, li permezz tagħha l-istess Bord informa lill-Qorti illi l-imputat kien temm il-proċess ta' rijabilitazzjoni b'suċċess;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Fil-lejl tal-31 ta' Diċembru 2009, fuq informazzjoni kunfidenzjali illi l-imputat odjern kien qed jitraffika d-droga kokaina, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga segwew u waqqfu lill-istess imputat waqt li kien qed isuq vettura Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni VIP

---

[4] Ara a fol. 38 *et seq* tal-proċess.
[5] Ara a fol. 92 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 113 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 116 sa 119 tal-proċess.
[8] Ara a fol. 120 *et seq* tal-proċess.
[9] Ara a fol. 126 *et seq* tal-proċess.
[10] Ara a fol. 129B tal-proċess.
[11] Ara a fol. 132 *et seq* tal-proċess.

387[12] ġewwa Triq Rue D'Argens, Gżira u għamlulu tfittxija. F'idejh instab qartas bi trab abjad suspettat droga kokaina. Sussegwentement, bi ċwievet li nstabu fil-pussess tal-istess imputat, fetħu garaxx ġewwa l-Gżira, fl-istess akkwati, u hemmhekk, f'kaxxa tal-kartun li kienet tinsab fuq in-naħa ta' ġewwa tal-garaxx, instabu diversi qratas oħrajn, ukoll bi trab abjad, kif ukoll boroż vojta u xi skieken. Fir-residenza tal-istess imputat ma nstab xejn illegali. L-imputat ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar l-1 ta' Jannar 2010 wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi.[13]

Mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut** maħtur f'dawn il-proċeduri sabiex janalizza s-sustanza elevata mill-pussess tal-imputat formanti parti minn Dok. DT, esebit mill-Uffiċjal Prosekutur, l-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Dennis Theuma, jirriżulta illi l-istess espert ingħata dokument wieħed għall-analizi tiegħu, liema dokument kien jikkonsisti fis-segwenti:

*Envelope* kannella mmarkat bħala S/B/159/2013 li fih: (1) borża tal-plastik trasparenti li fiha: (i) karta bil-kliem Data 31-12-09 Hin 22.20 Elevat/i minn ġol-garaxx ta' Samuel Leone Ciantar fil-preżenza ta' Samuel Leone Ciantar minn WPS86, PS1086, PC1183 (ii) 4 boroż tal-plastik trasparenti li 3 minnhom fihom 5 boroż tal-plastik trasparenti li fihom trab ta' lewn abjad u l-oħra fiha 3 boroż tal-plastik trasparenti li fihom trab ta' lewn abjad (iii) borża tal-plastik trasparenti li fiha boroż tal-plastik vojta (iv) żewġ boroż tal-plastik trasparenti vojta (v) borża tal-plastik li fiha trab ta' lewn abjad (vi) ċwievet (vii) sikkina ta' lewn il-fidda u (viii) sikkina ġo flixkun tal-plastik.

Illi l-istess espert ikkonkluda bis-segwenti mod dwar dan id-dokument:

(a) Illi fl-estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad fl-istess dokument instabet is-sustanza kokaina. Il-piż total tat-trab huwa ta' 7.62 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 35%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) Illi fuq il-flixkun tal-plastik u fuq is-sikkina ta' lewn il-fidda ma nstabitx droga.

[12] Mix-xhieda ta' **Stephen Cachia** in rappreżentanza tal-Awtorita` ta' Malta dwar it-Trasport, jirriżulta illi din il-vettura kienet reġistrata f'isem l-imputat fiż-żmien tal-każ odjern (ara a fol. 49, 50, 54 u 55 tal-proċess).
[13] Ara x-xhieda tal-**Ispettur Dennis Theuma**, a fol. 11 sa 14 tal-proċess; ix-xhieda ta' **PS 1086 Johann Micallef**, a fol. 15 sa 17 tal-proċess; ix-xhieda ta' **PC 1183 Oliver Borg**, a fol. 18 u 19 tal-proċess u x-xhieda ta' **WPS 86 Diane Fenech**, a fol. 44 sa 48 tal-proċess.

Illi mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi d-dsatax-il qartas analizzat kellhom is-segwenti piżijiet: 0.32 grammi, 0.34 grammi, 0.35 grammi, 0.36 grammi, żewġt iqratas kellhom piż ta' 0.37 grammi, 0.38 grammi, żewġt iqratas kellhom piż ta' 0.39 grammi, tlett iqratas kellhom piż ta' 0.40 grammi, 0.41 grammi, żewġt iqratas kellhom piż ta' 0.43 grammi, 0.44 grammi, 0.46 grammi, 0.47 grammi u 0.51 grammi.[14]

Mix-xhieda tal-istess espert jirriżulta wkoll illi l-purita` kienet kemmxejn għolja iżda "*within the range*".[15]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi mix-xhieda ta' **Dr. Mark Xuereb** tas-7 ta' Ottubru 2015, prodott mid-difiża in konnessjoni mat-talba tagħha ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, jirriżulta li l-imputat kien ilu pazjent tiegħu sa mill-aħħar tas-sena 2011, u dan stante illi kellu l-vizzju tad-droga u xtaq illi jirrijabilita ruħu. Jgħid illi l-imputat kellu inċident li fih weġġa' serjament fis-sena 2012, iżda minkejja t-trawma li għadda minnha in konnessjoni ma' dan l-inċident, huwa baqa' jattendi għat-terapija u jieħu l-kura. Skont ix-xhud, l-imputat ma baqax jagħmel użu mid-droga. Fir-rigward tal-użu tad-droga da parti tal-istess imputat, ix-xhud jgħid illi l-imputat kellu trobbija diffiċli, kellu diversi sfidi f'ħajtu u kien fi stat vulnerabbli, iżda fis-sena 2011, fittex l-għajnuna minn jeddu. Jgħid ukoll illi l-imputat dejjem ikkopera sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga u illi l-problema kienet waħda sinjifikanti u tali li kkważatlu "*significant social and occupational dysfunction*" u dan fis-sens illi kien jiddependi minnha, kien iqatta' ħafna ħin jaħseb fuqha, kien ifittixha u ħajtu kienet ikkontrollatha minnha. Skont ix-xhud, l-imputat kien jagħmel użu minn varji tipi ta' droga, inkluż id-droga eroina.[16]

**L-imputat** għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda. Huwa jgħid illi fis-sena 2006, huwa kien ġieli jagħmel użu mid-droga kokaina, għall-ewwel fuq bażi irregolari, iżda wara iżjed ta' spiss, fi kliemu "*qisni qbadtha vizzju wkoll*". Matul is-snin beda juża din id-droga kuljum, b'mod partikolari fil-*weekends* u meta joħroġ. Dan kien għall-ħabta tas-sena 2008, f'liema żmien għall-ewwel kien juża d-droga fil-*weekends* u meta joħroġ, imbagħad kien hemm perjodi fejn kien juża d-droga kuljum. Wara li nqabad fil-pussess tad-droga fis-sena 2009, iddeċieda li jipprova jieqaf. Jgħid illi għall-ewwel waqaf minn jeddu għax kien għadu mbeżża' b'dak li kien ġara, iżda wara reġa' waqa' u kompla juża, jaqta' għal ftit taż-żmien u jerġa' jkompli. Wara li

[14] Ara din ir-relazzjoni a fol. 61 *et seq* tal-proċess.
[15] Ara din ix-xhieda a fol. 59 u 60 tal-proċess.
[16] Ara din ix-xhieda a fol. 95 sa 102 tal-proċess.

għamel xi sena sejjer hekk, iddeċieda li jfittex l-għajnuna u mar għand il-psikjatra Dr. Mark Xuereb, għall-ħabta tas-sena 2011. Jgħid in oltre illi fil-bidu tas-sena 2012, kellu inċident fuq il-post tax-xogħol u stante illi qatta' xi xahar l-isptar u xi erba' xhur fis-sodda, ma setax joħroġ u għalhekk ma kellux aċċess għad-droga. Minn hemmhekk, qata' l-vizzju tad-droga u ma reġax mess magħha. Madankollu xorta baqa' jiġi segwit minn Dr. Xuereb.[17]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fil-każ odjern l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess aggravat tad-droga kokaina u dan b'referenza għall-31 ta' Diċembru 2009 u s-sena ta' qabel din id-data.

Illi mill-provi prodotti ma hemmx dubju illi fil-jum li għalih tirreferi l-imputazzjoni odjerna, l-imputat instab fil-pussess tad-droga kokaina, u dan kemm in kwantu nstab qartas b'din id-droga f'idejh, wara li ġie mwaqqaf filwaqt li kien qed isuq il-vettura tiegħu, kif ukoll in kwantu nstabu numru ta' qratas oħrajn ukoll bid-droga kokaina, ossia tmintax-il qartas ġewwa kaxxa tal-kartun f'garaxx li wkoll kien fil-pussess tal-imputat. Dan qed jingħad għaliex iċ-ċwievet tal-garaxx in kwistjoni instabu proprju fil-pussess tal-istess imputat u fil-fatt mix-xhieda tal-pulizija li kienu preżenti, jirriżulta illi l-istess garaxx infetaħ b'dawn iċ-ċwievet. Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-imputat lanqas ma jikkontesta li fil-pussess tiegħu nstabet id-droga in kwistjoni.

Dak li jeħtieġ illi tikkunsidra din il-Qorti huwa jekk jirriżultawx iċ-ċirkostanzi aggravanti addebitati lill-imputat, u ċioe` jekk jirriżultax illi d-droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li din ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Dwar dak li għandu jirriżulta ppruvat sabiex tista' tinstab ħtija dwar ir-reat ta' pussess aggravat ta' droga, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marius Magri</u>**:

> "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."

[17] A fol. 118 sa 112 tal-proċess.

U kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmel Spiteri</u>**:

> "meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Brian Caruana</u>**:

> "kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli".

F'dan il-kuntest, il-Qorti qed tqis ukoll il-prinċipji enunċjati fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Lawrence Fabri</u>** tas-27 ta' April 2017, fejn il-Qorti qalet hekk:

> "Issa l-appellanti jishaq illi l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni skorretta tal-principju legali tal-pussess aggravat tad-droga billi biex jissussisti dan ir-reat, fil-fehma tieghu, hemm il-htiega li l-ewwel u qabel kollox tigi ippruvata l-intenzjoni ta' l-ispacc u cioe' illi l-pussess tal-awtur tar-reat irid ikun wiehed intiz ghall-ispacc. Dan ma jirrizultax, jikkontendi, mill-atti probatorji.
>
> Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma' tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li iressaq 'il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq **"possession with intent to supply"**, bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li

titkellem biss dwar il-pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta' l-ispacc. Illi ghalhekk ghalkemm kif inghad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista' issir mill-gudikant. Madanakollu jerga' jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta' l-ispacc kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Dan huwa indikat b'mod car fis-sentenza il-Pulizija vs Jason Mallia …

Illi maghmula din id-distinzjoni xorta wahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.

"*Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*

- *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*
- *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*
- *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*
- *Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*
- *Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*
- *Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*
- *Money found on the defendant was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*
- *Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*

• *Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case.*”[18]

Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:

“Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article **may be inferred from objective factual circumstances**.”

Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta’ droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u x’inferenza tista issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta’ droga ikun x’ikun l-ammont, kwalita jew kwantita ta’ droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta’ droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita…”.

Għalkemm mill-banda l-waħda jirriżulta ċar mis-sentenzi ċitati illi mhuwiex meħtieġ illi l-Prosekuzzjoni tressaq prova pożittiva dwar il-fatt illi l-imputat kellu l-intenzjoni li jispaċċa d-droga, jeħtieġ mill-banda l-oħra illi jirriżulta għas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi d-droga li tkun nstabet fil-pussess tal-imputat ma tkunx intiża għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti tqis illi l-ammont ta’ droga misjub fil-pussess tal-imputat ma kienx ammont insinjifikanti, u lanqas huwa wieħed li normalment jiġi assoċjat ma’ użu personali. Dan speċjalment meta wieħed iqis ukoll il-mod kif kienet maqsuma din id-droga ossia f’xejn inqas minn dsatax-il qartas, maqsumin ilkoll f’piżijiet tassew simili, bi wħud mill-qratas f’piżijiet identiċi jew kważi identiċi. Fil-garaxx imbagħad instabu wkoll numru ta’ boroż vojta, li ma jistgħux ħlief jindikaw illi l-imputat kien huwa stess jaqsam id-droga f’boroż.

Fiċ-ċirkostanzi, tenut kont tal-ammont tad-droga fil-pussess tal-imputat, tal-fatt illi din kienet maqsuma, in-numru ta’ qratas misjuba u tal-mod kif id-droga kienet maqsuma f’dawn il-qratas, kif ukoll illi fil-pussess tal-imputat instabu wkoll boroż tal-plastik vojta, il-Qorti m’għandhiex dubju illi d-droga hekk misjuba ma kinitx intiża sempliċiment għall-użu esklussiv tiegħu. Fir-rigward il-Qorti qed tqis ukoll

[18] Hawnhekk il-Qorti għamlet referenza għal www.cps.gov.uk

illi għalkemm l-imputat kien dipendenti fuq id-droga kokaina fiż-żmien tal-każ odjern, dan ma jiġġustifikax, imqar sal-grad tal-probabbli, in-numru ta' qratas misjuba fil-pussess tiegħu u għalfejn kellu joqgħod jaqsam id-droga fi qratas b'tant preċiżjoni li kieku din kienet kollha intiża għalih.
Għaldaqstant, tenut kont ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (a) tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, iżda dan limitament b'referenza għall-31 ta' Diċembru 2009 u mhux fir-rigward tas-sena ta' qabel din id-data, stante illi f'dan ir-rigward ma nġabu l-ebda provi li jistgħu jwasslu lill-Qorti għal din il-konklużjoni. B'referenza għas-sena ta' qabel din id-data, l-imputat qed jinstab ħati biss tar-reat ta' pussess 'sempliċi' tad-droga kokaina – reat kompriż u involut fir-reat mertu tal-imputazzjoni (a) – u dan kif jirriżulta ppruvat fid-dawl tax-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri.

Għall-fini ta' kompletezza qed jingħad ukoll illi anke kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet tagħha *supra*, il-Qorti ma qisitx l-istqarrija tal-imputat sabiex waslet għall-konklużjoni tagħha u dan stante li qed tikkunsidra din l-istqarrija bħala nieqsa minn valur probatorju. Dan tenut kont tal-fatt illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva mingħajr il-jedd li jottjeni parir legal qabel l-interrogatorju tiegħu u mingħajr il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju, stante li dawn il-jeddijiet ma kinux viġenti fiż-żmien tal-każ odjern u fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin f'dan ir-rigward, inkluż iżda mhux biss is-sentenzi fl-ismijiet **Graziella Attard vs Avukat Ġenerali** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Settembru 2019), **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021 u **Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali, 27 ta' Ottubru 2021).

**Kunsiderazzjonijiet Dwar il-Piena**

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tiegħu qed jinstab ħati l-imputat u ċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll l-ammont tad-droga misjub fil-pussess tiegħu, li għalkemm mhux ammont allarmanti, lanqas ma kien wieħed irriżorju.

Tqis ukoll jirriżulta mill-atti proċesswali illi wara li l-Qorti laqgħet it-talba tad-difiża u assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat beda jiġi segwit mis-*social worker* Stephanie Grech u mill-*key worker* Maria Caruana fi ħdan l-Aġenzija Caritas, kif ukoll illi mir-rapporti tagħhom jirriżulta illi l-kampjuni tal-urina li ttieħdu lill-imputat fil-perjodu ta' bejn Frar 2017 u Diċembru 2017 irriżultaw ilkoll fin-negattiv għal sustanzi lleċiti, illi kien ilu żmien twil il-bogħod mid-droga, li huwa segwa l-pjan imħejji għalih,

kien konsistenti anke fl-attendenza għas-sessjonijiet u kien sejjer tassew tajjeb. Finalment, permezz tan-nota tiegħu tal-11 ta' Jannar 2018, il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga informa lill-Qorti illi kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat, li ntemm b'suċċess.

Jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali illi sal-14 ta' Mejju 2018, din kienet l-unika kawża pendenti li kellu l-imputat odjern.[19]

Jirriżulta in oltre mill-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sa April 2022, illi l-din baqgħet l-istess miż-żmien mertu tal-każ odjern, kif ukoll illi mhijiex waħda allarmanti u tikkonsisti f'kundanni dwar reati kontravvenzjonali.

Tqis in oltre illi mill-provi proċesswali jirriżulta, tal-inqas fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, illi l-imputat wettaq ir-reat li tiegħu qed jinstab ħati minħabba l-fatt illi dak iż-żmien huwa kellu l-vizzju tad-droga kokaina u kien dipendenti fuq l-istess. Dan qed jingħad kemm fid-dawl tan-natura tal-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat, kif ukoll fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi ma jiskolpawx lill-imputat, iżda l-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll illi minn dakinhar, huwa mpenja ruħu sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga, ilu żmien twil il-bogħod mid-droga u illi kif jirriżulta mir-rapport ta' Stephanie Grech fi ħdan l-Aġenzija Caritas, kien sejjer tajjeb ħafna.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, u fit-termini tal-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, la darba l-Qorti hija sodisfatta illi r-reat li dwaru l-imputat qed jinstab ħati, kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga kokaina, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reat odjern.

Qed tqis ukoll illi dawn il-proċeduri jirrisalu għas-sena 2009 u illi għalkemm kien hemm seduti li fihom ma sar xejn stante illi l-imputat ma deherx, fil-maġġor parti tiegħu d-dewmien ma kienx imputabbli lilu.

Tqis ukoll illi fiċ-ċirkostanzi, piena ta' priġunerija sospiża hija piena idonea.

## Konklużjoni

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-

[19] Ara x-xhieda a fol. 139 u 140 tal-proċess.

Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Samuel Leone Ciantar** ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu ossia tar-reat ta' pussess tad-droga kokaina f'ċirkostanzi li juru li din ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu b'referenza għall-31 ta' Diċembru 2009 u ħati ta' pussess tad-droga kokaina in kwantu s-sena ta' qabel din id-data, u tikkundannah għall-piena ta' tmien (8) xhur priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' sentejn mil-lum u multa ta' elf u erba' mitt ewro (€1,400) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Il-Qorti wissiet lill-hati bi kliem car u semplici l-konsegwenzi skont il-ligi kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fit-terminu operativ tas-sentenza sospiza.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-ħati jħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti f'dawn il-proċeduri ossia l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut fis-somma ta' tliet mija u seba' ewro u tlieta u sittin ċenteżmi (€307.63), liema somma għandha titħallas mill-ħati fi żmien tliet xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti relatati mad-droga formanti parti minn Dok. DT, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat